# Nuċċali tal-Eklissi:

## Istruzzjonjiet għall-użu






*Eklissi Totali tax-Xemx*

*It-Tnejn, 8 ta' April 2024*

© 2014-2024
Eclipse2024.org

# TERMS AND CONDITIONS FOR USE OF ECLIPSE GLASSES

**Please read these Instructions for Use carefully before using the Eclipse Glasses. Your purchase and use of the Eclipse Glasses constitutes your agreement to these Terms and Conditions. Failure to follow these Instructions for Use may result in serious personal injury, including permanent eye damage. If you do not understand these Instructions or cannot follow them diligently and completely, then you should not look at the Sun at any time, with or without the Eclipse Glasses.**

The term “Eclipse Glasses” refers to the special cardboard-and-polymer optical products, marked “ISO 12312-2” and “SAFE FOR DIRECT SOLAR VIEWING”, manufactured by Rainbow Symphony of Reseda CA or American Paper Optics of Bartlett TN, and sold by Eclipse2024.org for the purpose of viewing the Sun during the solar eclipse of April 8, 2024, by or under the direct supervision of a person 18 years of age or above and in accordance with these Instructions for Use.

Observing the Sun directly, without the benefit of eye protection provided by the Eclipse Glasses, will likely result in serious personal injury, up to and including permanent eye damage and blindness. When these Instructions for Use are followed completely and precisely, the undamaged and unmodified Eclipse Glasses have been proven to be safe and effective in allowing direct, short-term viewing of the Sun. If these Instructions for Use are not followed, or if damaged or modified Eclipse Glasses are used, permanent eye injury could result.

You should never look directly at the Sun, with or without the aid of the Eclipse Glasses, if you have any temporary or permanent medical or other condition which either (1) prevents your use of the Eclipse Glasses according to these Instructions for Use, or (2) which predisposes you to an increased or special risk of incurring, worsening, or contributing to the effects of any optical condition, or other medical, health, or other condition, by looking or attempting to look at the Sun.

You should never attempt to perform any other activity (such as driving or walking) while using the Eclipse Glasses.

You agree that if you allow others to use the Eclipse Glasses, you will provide each such user with a copy of these Instructions for Use and will make sure such user reads and understands the Instructions for Use before using the Eclipse Glasses.

By using the Eclipse Glasses to view the Sun, you agree with the following:

(a) you understand these Instructions for Use completely;
(b) you understand and accept the risks associated with improper use of the Eclipse Glasses;
(c) you accept full responsibility for, and assume all risks associated with, the act of viewing the Sun, with or without the use of the Eclipse Glasses; and
(d) the Eclipse Glasses are fragile, and any damage or modification will render them immediately and permanently unusable for their intended purpose.

<u>Release and Limitation of Liability</u>

By way of purchasing and using the Eclipse Glasses, you are irrevocably releasing, indemnifying, and holding harmless the manufacturer and seller from any liability, loss, claim and expense (including attorney’s fees), including but not limited to bodily injury or other personal harm, which may result from using the Eclipse Glasses under any circumstances or conditions and irrespective of jurisdiction. Neither the manufacturer nor the seller will be responsible for any damages of any kind, irrespective of reasons, conditions or circumstances, including malfunctioning of the Eclipse Glasses. All risks associated with using the Eclipse Glasses rest solely and entirely with the user, irrespective of whether the Eclipse Glasses are used by the original purchaser or any third party. You fully understand and assume the risks in using the Eclipse Glasses. You confirm that you have read this release of liability and fully understand its terms and that you have given up substantial rights by purchasing and using the Eclipse Glasses.

THE MANUFACTURER AND SELLER OF THE ECLIPSE GLASSES MAKE NO WARRANTY OF ANY KIND, EXPRESSED OR IMPLIED, WITH RESPECT TO THE ECLIPSE GLASSES, INCLUDING BUT NOT LIMITED TO THE IMPLIED WARRANTIES OF MERCHANTABILITY, FITNESS FOR A PARTICULAR PURPOSE, AND NON-INFRINGMENT. NEITHER THE MANUFACTURER NOR THE SELLER SHALL BE LIABLE FOR ANY OTHER DAMAGES, INCLUDING BUT NOT LIMITED TO DIRECT, INDIRECT, INCIDENTAL, SPECIAL, CONSEQUENTIAL, OR EXEMPLARY DAMAGES, WHETHER IN AN ACTION IN CONTRACT OR TORT (INCLUDING NEGLIGENCE AND STRICT LIABILITY), SUCH AS, BUT NOT LIMITED TO, LOSS OF ANTICIPATED PROFITS OR BENEFITS RESULTING FROM, OR ARISING OUT OF, OR IN CONNECTION WITH THE USE OR FURNISHING OF THE ECLIPSE GLASSES OR THE PERFORMANCE, USE OR INABILITY TO USE THE SAME, EVEN IF THE MANUFACTURER OR SELLER HAS BEEN ADVISED OF THE POSSIBILITY OF SUCH DAMAGES. IN NO EVENT WILL THE MANUFACTURER’S OR SELLER’S TOTAL LIABILITY EXCEED THE PRICE PAID FOR THE PRODUCT.

<u>Note Regarding Translations</u>

Translations of these Instructions for Use into various languages are provided “AS-IS” and solely for the convenience of the reader. Eclipse2024.org has made reasonable efforts to ensure the accuracy of the Translations; however, in the event of any perceived discrepancy in meaning or interpretation between the English version and any Translation, the English version will prevail. You should not act in reliance on anything contained in any Translation of these Instructions for Use, but should refer to the official English version.


*© 2014-2024*
*Eclipse2024.org*

# ***EKLISSI TOTALI TAX-XEMX – 8 ta' April 2024***

**Merħba fl-Amerika ta' Fuq!**

Aħna onorati li inti għażilt li żżur pajjiżna sabiex tesperjenza eklissi totali tax-xemx, u aħna nixtiequ li kulħadd ikun jista josserva dan l-avveniment manjifiku b'mod sigur!

*Aħna qedgħin nipprovdu dawn l-istruzzjonijiet bil-Malti għall-konvenjenza tiegħek biss. Il-verżjoni bl-Ingliż ta' dawn l-istruzzjonijiet, direzzjonijiet u r-rinunzji ta' jedd legali (l-"Istruzzjonijiet"), hija s-sors komplet tal-informazzjoni u tat-tmexxija għall-użu xieraq u korrett tan-Nuċċali tal-Eklissi għall-osservazzjoni diretta tax-xemx. L-Istruzzjonijiet huma disponibbli fuq https://tinyurl.com/2024Instructions, u inti għandek taqrahom, tifimhom u ssegwihom sabiex tuża n-Nuċċali tal-Eklissi.* ***In-nuqqas ta' segwitu ta' dawn l-Istruzzjonijiet jista jikkawża leżjonijiet personali serji.***

L-astronomi jsejħu l-eklissi tat-8 ta' April, 2024 "eklissi totali", imma sabiex inti tara t-totalità, inti trid tkun qiegħed ġewwa strixxa ta' art dejqa li taqsam l-Amerika ta' Fuq (imsejħa l-"Mogħdija ta' Totalità"). Jekk inti ma tkunx f'din il-mogħdija, inti se tara biss eklissi parzjali! Għalhekk, huwa ferm importanti li tkun taf jekk inti tinsabx ġewwa l-mogħdija ta' totalità, u l-metodu għall-użu tiegħek se jkun spjegat dalwaqt.



*Il-Mogħdija ta' Totalità*

## GWIDA ĦAFIFA TAL-BIDU

## ISTRUZZJONIJIET DETTALJATI

It-terminu "Nuċċali tal-Eklissi", kif użat fi ħdan dan id-dokument, huwa mifhum li jirrappreżenta l-"Eclipse Glasses" msemmi fi ħdan ir-rinunzja ta' jedd legali li tinsab fl-ewwel paġna ta', u msemmi mkien ieħor fi ħdan, dan id-dokument.

L-użu tiegħek tan-Nuċċali tal-Eklissi sabiex tosserva x-xemx jikkostitwixxi qbil legali. Inti għandek ssegwi l-istruzzjonijiet u d-direzzjoni kollha li jinsabu fi ħdan l-Istruzzjonijiet bir-reqqa u kompletament, sabiex tuża n-Nuċċali tal-Eklissi biex tosserva x-xemx fi kwalunkwe ħin. Jekk inti ma tifhimx l-Istruzzjonijiet, jew jekk inti ma tistax issegwihom kompletament u korrettament, jew jekk ma taqbilx mat-termini tagħhom, allura inti mgħarraf u avżat biex ma tipprovax tosserva x-xemx fi kwalunkwe ħin, bl-użu ta' kwalunkwe metodu.

© 2014-2024
Eclipse2024.org

# *GWIDA ĦAFIFA TAL-BIDU TAN-NUĊĊALI TAL-EKLISSI*

*Dan il-Bidu Ħafif huwa kkondensat mis-sett dettaljat tal-Istruzzjonijiet bil-Malti, li inti għandek taqra, tifhem u timxi magħhom b'mod sħiħ sabiex tuża n-Nuċċali tal-Eklissi biex tosserva l-eklissi.*

1) **Fittex iż-żona tiegħek fuq eclipse2024.org/find-times biex tara jekk l-eklissi hux se jkun totali hemmhekk jew le, kif ukoll il-ħinijiet tal-kuntatt approssimattivi għall-fażijiet parzjali u (jekk applikabbli) totali għal dik iż-żona.**
2) **Eklissi totali huwa avveniment assolutament spettakolari, imma inti tista tgawdi l-esperjenza tat-totalità jekk inti tinsab fil-"mogħdija ta' totalità" – li hija wiesgħa madwar 200km biss. Jekk it-totalità mhix se tkun viżibbli mill-post tal-osservazzjoni maħsub tiegħek, aħna serjament navżawk biex tbiddel il-pożizzjoni tiegħek għal waħda li tinsab fi ħdan il-mogħdija ta' totalità!**
3) **Biex tuża n-Nuċċali tal-Eklissi sabiex tosserva l-eklissi, żomm il-materjal tal-lenti tan-Nuċċali tal-Eklissi direttament fuq għajnejk, biex b'hekk ikunu kompletament protetti mill-osservazzjoni diretta tax-xemx.**
4) **Meta tuża n-Nuċċali tal-Eklissi biex tħares lejn x-xemx:**
    a. **Jekk l-eklissi MHUX SE jkun totali fiż-żona tiegħek, allura osservah permezz tan- Nuċċali tal-Eklissi fil-ħinijiet kollha. INTI TISSOGRA ĦSARA PERMANENTI F'GĦAJNEJK JEKK TĦARES LEJN IX-XEMX MIGĦAJR PROTEZZJONI XIERQA GĦALL-GĦAJNEJN!**
    b. **Jekk l-eklissi SE jkun totali fiż-żona tiegħek, inti GĦANDEK tosserva x-xemx permezz tan-Nuċċali tal-Eklissi waqt li kwalunkwe porzjoni tal-parti mdawwla tad-diska tax-xemx – saħansitra jekk biċċa verament żgħira biss – hija viżibbli. INTI TISSOGRA ĦSARA PERMANENTI F'GĦAJNEJK JEKK TONQOS MILLI SSEGWI DIN L-ISTRUZZJONI!**
        i. **Madankollu, waqt l-intervall qasir tat-totalità BISS, meta l-ebda parti mdawwla tad-diska tax-xemx ma tkun tista tiġi osservata, inti għandek tħares direttament lejn l-eklissi totali mingħajr ma tuża n-Nuċċali tal-Eklissi.**
        ii. **Fil-fatt, jekk inti tipprova tuża n-Nuċċali tal-Eklissi biex tħares lejn ix-xemx waqt it-totalità, inti mhu se tara assolutament xejn!**
        iii. **Inti GĦANDEK terġa lura għall-użu tan-Nuċċali tal-Eklissi hekk kif tispiċċa t-totalità, u l-parti mdawwla tad-diska tax-xemx terġa tidher.**
5) **Fi kliem ieħor,**

**META KWALUNKWE PARTI TAD-DISKA MDAWWLA TAX-XEMX TKUN TIDHER, INTI *GĦANDEK* TUŻA N-NUĊĊALI TAL-EKLISSI BIEX TĦARES LEJN IX-XEMX!**

© 2014-2024
Eclipse2024.org

# ISTRUZZJONIJIET DETTALJATI GĦALL-UŻU TAN-NUĊĊALI TAL-EKLISSI

L-ewwel, hemm xi ftit terminoloġija li inti għandek bżonn tifhem!

Għal kull eklissi, u għal kull post fid-dinja, hemm ismijiet li huma mogħtija lill-ħinijiet ta' ċerti avvenimenti mportanti. Dawn huma magħrufin bħala:

| Isem ta' l-Avveniment | Deskrizzjoni tal-Avveniment | Kif Jidher (għal Eklissi Totali) | Kif Jidher (għal Eklissi Parzjali) |
|---|---|---|---|
| **C1** | **Il-bidu tal-fażi parzjali** |  |  |
| **C2** | **Il-bidu tat-totalità** |  | ** Ma jseħħx! ** |
| **Eklissi Nofsani** | **Il-punt nofsani tal-eklissi** |  |  |
| **C3** | **It-tmiem tat-totalità** |  | ** Ma jseħħx ** |
| **C4** | **It-tmiem tal-fażi parzjali** |  |  |

## 1) ISTRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAN-NUĊĊALI TAL-EKLISSI



1) [*jekk applikabbli*] Żvojta n-Nuċċali tal-Eklissi b'attenzjoni.
2) Żomm n-Nuċċali tal-Eklissi protett meta ma jkunx qiegħed jintuża.
3) Eżamina n-Nuċċali tal-Eklissi qabel kull użu; jekk il-lenti tal-pellikola hija bil-ħsara jew hija mkemmxa fi kwalunkwe mod, qatta n-Nuċċali tal-Eklissi u eqirdu, u ikseb sostitut li m'għandux ħsara.
4) Jekk il-lenti tal-pellikola hija bil-ħsara fi kwalunkwe mod, tużax n-Nuċċali tal-Eklissi biex tosserva x-xemx fl-ebda ħin.
5) Tneħħix il-materjal tal-lenti tal-pellikola min-Nuċċali tal-Eklissi, u tużax il-materjal tal-lenti tal-pellikola li neħħejt biex tosserva x-xemx bi kwalunkwe mod.
6) Il-lentijiet tan-Nuċċali tal-Eklissi li huma mmontati korrettament u li m'għandhomx ħsara se jibblokkjaw livelli perikolużi ta' dawl viżibbli b'mod sigur, kif ukoll UV li jagħmlu l-ħsara u raġġi tax-xemx oħrajn. B'hekk huwa perfettament sigur li tuża n-Nuċċali tal-Eklissi, skont id-direzzjoni pprovduta minn dawn l-Istruzzjonijiet, biex tosserva x-xemx fi kwalunkwe ħin. M'hemm l-ebda "raġġi tal-eklissi" speċjali li jagħmlu l-osservazzjoni tax-xemx iktar jew inqas perikoluża matul eklissi.
7) **Inti għandek tuża n-Nuċċali tal-Eklissi, bil-mod deskritt hawnhekk, biex tosserva x-xemx b'mod sigur kull meta KWALUNKWE porzjoni tad-diska mdawwla tax-xemx hija viżibbli. Dan huwa minnu irrispettivament minn kwalunkwe ħinijiet tal-kuntatt tal-eklissi (jiġifieri, "C2" u "C3" kif deskritt hawn fuq) li inti rreġistrajt minn kwalunkwe sors.**
8) Tużax in-Nuċċali tal-Eklissi flimkien ma' kwalunkwe teleskopju, binokulari, kamera, lenti, mera, jew kwalunkwe strument, apparat jew oġġett ottiku li jista jittrasmetti jew jirrifletti d-dawl ("Apparat Ottiku").
9) Qatt tippunta Apparat Ottiku bħal dan lejn ix-xemx, u qatt tosserva l-immaġni tax-xemx direttament bl-użu ta' kwalunkwe Apparat Ottiku li jiġi ppuntat lejn ix-xemx, jew huwa bi kwalunkwe mod jiġbor, jiffoka, jew jerġa jiddirezzjona d-dawl tax-xemx.
10) Tħallix in-Nuċċali tal-Eklissi jiġi użat mill-annimali, jew xi ħadd li huwa temporanjament f'diffikultà, li ma jistax jaqra, jifhem u jikkonforma mar-rekweżiti għall-użu sigur tan-Nuċċali tal-Eklissi, jew li ma jistax legalment jaċċetta r-responsabbiltà għall-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu.



11) Biex tuża n-Nuċċali tal-Eklissi:

    Żomm in-Nuċċali tal-Eklissi kompletament bejn għajnejk u x-xemx, u ħares permezz ta' materjal tal-lenti tan-Nuċċali tal-Eklissi li m'għandux ħsara lejn ix-xemx, waqt li żżomm il-materjal tal-lenti tan-Nuċċali tal-Eklissi kompletament bejn għajnejk u x-xemx f'kull ħinijiet. Fil-każ ta' Nuċċalijiet tal-Eklissi li jkunu ffurmati bħal nuċċalijiet tal-kartun, inti tista titwi il-kartun b'tali mod li tkun tista tilbes in-Nuċċali tal-Eklissi bħal ma tilbes nuċċali konvenzjonali. Qatt tħares direttament lejn ix-xemx meta ma tkunx f'eklissi totali (jiġifieri, matul il-ħinijiet bejn C2 u C3 li inti se tkun tista tinnota fit-tabella t'hawn taħt, jekk ħinijiet bħal dawn huma applikabbli għall-post tal-osservazzjoni tiegħek), sakemm qed tħares direttament permezz tal-materjal tal-lenti tan-Nuċċali tal-Eklissi li m'għandux ħsara.
12) Tuża l-ebda materjal jew oġġett, apparti l-lentijiet tan-Nuċċali tal-Eklissi installati fi ħdan it-tiżmim tagħhom kif oriġinarjament manifatturati, bħala protezzjoni għall-għajnejn meta tipprova tosserva x-xemx.
13) Jekk inti għandek xi mistoqsijiet rigward dawn l-istruzzjonijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja Eclipse2024.org fuq https://tinyurl.com/glasses-questions.

## 2) ITGĦALLEM IL-ĦINIJIET SPEĊIFIĊI TAL-AVVENIMENTI TAL-EKLISSI GĦAŻ-ŻONA TIEGĦEK

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fuq eclipse2024.org/find-times għaż-żona tiegħek, ikkompleta din id-dikjarazzjoni li ġejja:

***Għaż-żona tiegħi, l-eklissi huwa:***

| TOTALI | MHUX TOTALI |
|---|---|

*(għamel ċirku ma' waħda minnhom)*

| Jekk l-eklissi huwa ***TOTALI*** fiż-żona tiegħek, segwi l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sezzjoni **"L-EKLISSI HUWA *TOTALI* FIŻ-ŻONA TIEGĦI"** t'hawn taħt: | Jekk l-eklissi ***MHUX TOTALI*** fiż-żona tiegħek, segwi l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sezzjoni **"L-EKLISSI *MHUX TOTALI* FIŻ-ŻONA TIEGĦI"** t'hawn taħt: |
|---|---|

© 2014-2024
Eclipse2024.org

## ** L-EKLISSI HUWA *TOTALI* FIŻ-ŻONA TIEGĦI **

Inti tinsab fil-mogħdija ta' totalità, u inti se tesperjenza avveniment rari u meraviljuż! Huwa tassew importanti li inti tkun tista tiddetermina meta l-eklissi jkun totali fiż-żona tiegħek. Inti tkun tista tagħmel dan billi tirreferi għal ħinijiet li hawn imniżżlin hawn taħt, kif ukoll għaliex mhux se jkun hemm l-ebda porzjoni mdawwla tad-diska tax-xemx viżibbli waqt it-totalità.

1) Abbażi l-informazzjoni pprovduta minn eclipse2024.org/find-times għaż-żona speċifika tiegħek, ikteb il- ħinijiet approssimattivi għal kull avveniment tal-eklissi elenkat hawn taħt (kun ċert li tirranġa l-ħinijiet għaż-żona tal-ħin tiegħek!):

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Qabel C1* | * M'hemm l-ebda eklissi * | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| *C1* | Il-fażi parzjali tibda f': | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| *C2* | Il-fażi totali tibda f': | |  |  | **Wara C2**, inti tista tosserva b'għajnejk mikxufin |
| *Eklissi Nofsani* | Isseħħ f': | |  |  | **Inti tista tosserva b'għajnejk mikxufin!** |
| *C3* | If-fażi totali tispiċċa f': | |  |  | Inti **GĦANDEK** terġa tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| *C4* | If-fażi parzjali tispiċċa f': | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| *Wara C4* | * M'hemm l-ebda eklissi * | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |

2) Għalkemm inti tinsab fi ħdan il-mogħdija ta' totalità, inti GĦANDEK xorta waħda tuża n-Nuċċali tal-Eklissi biex tosserva x-xemx f'kull ħinijiet qabel C2 jew wara C3, meta l-eklissi ma jkunx totali.

3) Inti tista tosserva x-xemx direttament b'għajnejk mikxufin (mingħajr ma tuża n-Nuċċali tal-Eklissi) BISS:
   a. jekk l-eklissi huwa totali fiż-żona tiegħek (inti tinsab "fil-mogħdija"), U
   b. waqt il-ħinijiet tat-totalità (bejn wieħed u ieħor waqt il-perjodu ta' ħin bejn C2 u C3 għaż-żona tiegħek li inti nnutajt hawn fuq), U
   c. **kull meta d-diska mdawwla tax-xemx hija KOMPLETAMENT mgħottija mill-qamar**.

Il-ħinijiet reali tat-totalità se jvarjaw b'mod sinifikanti u jiddependu fuq il-post eżatt tiegħek, u b'hekk inti għandek tidentifika u tirreġistra l-ħinijiet approssimattivi minn qabel. Il-ħinijiet li tirreġistra hawn fuq huma approssimattivi!

4) Għal darb'oħra, irrespettivament minn kwalunkwe ħinijiet li ġew nnutati fil-lista t'hawn fuq, jew miġbura minn sors estern, **inti għandek dejjem tosserva x-xemx billi tuża n-Nuċċali tal-Eklissi KULL META KWALUNKWE PARTI tad-diska mdawwla tax-xemx tkun viżibbli.**

5) Dawn l-istruzzjonijiet huma akkumpanjati minn supplimenti grafikali ta' spjegazzjoni bħala għajnuna biex tifhem.

---

***Jiena għandi naqra, nifhem, u tikkonforma mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin:***

**JIENA GĦANDI NSEGWI L-ISTRUZZJONIJIET KOLLHA RIGWARD L-UŻU TAN-NUĊĊALI TAL-EKLISSI, BIEX B'HEKK NUŻAH B'MOD SIGUR.**

**JEKK KWALUNKWE PARTI TAD-DISKA MDAWWLA TAX-XEMX QIEGĦDA TIDHER, JIENA GĦANDI NUŻA N-NUĊĊALI TAL-EKLISSI META NĦARES LEJN IX-XEMX.**

## ** L-EKLISSI *MHUX TOTALI* FIŻ-ŻONA TIEGĦI **

Inti m'intix fil-mogħdija ta' totalità, u b'hekk inti m'intix se tesperjenza s-sbuħija ta' eklissi totali. (Aħna nirrakkomandaw bil-qawwa li inti tbiddel il-pożizzjoni tiegħek u tersaq fi ħdan il-mogħdija ta' totalità, biex b'hekk taqsam din l-esperjenza eċċezzjonali!)

1) Abbażi l-informazzjoni pprovduta minn eclipse2024.org/find-times għaż-żona speċifika tiegħek, ikteb il- ħinijiet approssimattivi għal kull avveniment tal-eklissi elenkat hawn taħt (kun ċert li tirranġa l-ħinijiet għaż-żona tal-ħin tiegħek!):

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Qabel C1** | * M'hemm l-ebda eklissi * | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| **C1** | **Il-fażi parzjali tibda f':** | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| **Eklissi Nofsani** | **Isseħħ f':** | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| **C4** | **Il-fażi parzjali tispiċċa f':** | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |
| **Wara C4** | * M'hemm l-ebda eklissi * | |  |  | Inti **GĦANDEK** tuża n-Nuċċali tal-Eklissi |

*(Innota li m'hemm l-ebda ħinijiet ta' C2 u C3 elenkati, peress li l-eklissi mhux totali fiż-żona tiegħek!)*

2) **Peress li l-eklissi mhux totali fejn inti, inti għandek DEJJEM tuża in-Nuċċali tal-Eklissi biex tosserva x-xemx.** Għal darb' oħra, aħna nirrikomandaw li inti tivjaġġa lejn il-mogħdija ta' totalità. Kun ċert li tieħu n-Nuċċali tal-Eklissi miegħek, biex b'hekk inti tkun tista tosserva l-fażijiet parzjali tal-eklissi b'mod sigur!

3) Dawn l-istruzzjonijiet huma akkumpanjati minn supplimenti grafikali ta' spjegazzjoni bħala għajnuna biex tifhem.

---

***Jiena għandi naqra, nifhem, u nikkonforma mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin:***

**JIENA GĦANDI NSEGWI KULL ISTRUZZJONI RIGWARD L-UŻU TAN-NUĊĊALI TAL-EKLISSI, SABIEX NUŻAH B'MOD SIGUR.**

**JIENA GĦANDI DEJJEM NUŻA N-NUĊĊALI TAL-EKLISSI META NĦARES LEJN IX-XEMX.**

© 2014-2024
Eclipse2024.org

Malti

GRAN ECLIPSE NORTEAMERICANO

GRANDE ÉCLIPSE NORD - AMÉRICAINE

GREAT NORTH AMERICAN ECLIPSE